MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR. GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tal-5 ta' Dicembru, 2008

Numru. 21/2001
Kawza Numru. 110

**Il-Pulizija**

**(Spt. Maurice Curmi)**

**vs**

**Anthony Demanuele u Joseph Demanuele**

**Illum 5 ta' Dicembru 2008**

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra Anthony Demanuele , bin Carmel, Karta tal-identita' numru 6566(G) u Joseph Demanuele bin Carmel, karta tal-identita' numru 18957(G);

Talli f-24 ta' Mejju 2001, ghall-habta tas-6.00 ta' filghaxija fl-Mgarr, Ghawdex, minghjar il-hsieb li joqtlu jew li jqieghdu il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkagunaw

hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' persuna ohra, jew gabulha disordni f'mohhha, u cioe' ikkagunaw ferita ta' natura gravi (sfregju fil-wicc) fuq Publius Buttigieg minn Tac-Cawla Ghawdex, skond kif iccertifikaah it-Tabib tal-Isptar Generali ta' Ghawdex Dr. Joseph Rapa, ai termini tal-Artikoli 214 u 216 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli l-offiza hawn fuq imsemija saret bi stument li jaqta' jew iniggez u cioe' tazza tal-hgieg imkissra ai termini tal-Artikolu 217 tal-Kodici Kriminali, Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Il-Qorti kienet mitluba li f'kas ta' htija, tapplika l-provvedimenti tal-artikoli 383 u 384 tal-Kap 9;

Rat il-kunsens tal-avukat generali kif ukoll in-nuqqas ta' oggezzjoi tal-imputati sabiex il-kaz taghhom ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi skond ix-xhieda ta' Publius Buttigieg, fl-24 ta' Mejju 2001 kien qed ilesti biex imur ghas-sajd meta, fi kliemu, attakkah l-imputat Joseph Demanuele u avzah li huh, l-imputat l-iehor, ried itih xebgha.  Fi triqtu mar bhas-soltu hdejn habib tieghu f'wahda mill-kmamar li hemm ix-xatt u hin minnhom dahal l-imputat Anthony Demanuele u lill-Buttigieg, qallu li ma kellux x'iridu u biex ma joqghodx jghid fuqu fil-hwienet u gew fl-idejn izda malajr spicca kollox meta Anthony Demanuele inhareg mill-kamra. Madwar ghaxar minuti wara izda, rega gie Anthony Demanuele akkumpanjat minn huh Joseph Demanuele u qabdu jsawwtu lill-kwerelant li spicca kollu demm ma wiccu.  Wara li telqu, l-kwerelant gabar bicca minn tazza mill-art biex jehodha mieghu l-ghassa tal-pulizija.  Fl-ewwel glieda kienu prezenti Andrew Xuereb u Anthony

Grech izda meta it-tieni glieda eskalat, dawn hargu ‘l barra mill-kamra.

Minn fuq il-post tal-incident, il-pulizija elevaw tazza miksura kif ukoll flixkun mimli tal-Coca Cola u dan peress illi l-kwerelant qal li kienet intuzat it-tazza fuqu u l-imputati qalu li Buttigieg kien hebb ghalihom bil-flixkun. Minn analizi forensici maghmula fuq it-tazza u l-flixkun irrizulta li dawn kellhom tracci ta’ demm uman tal-Grupp O li jikkorrispondi ghall-istess grupp sanginwju tal-kwerelant. (Ara relazzjoni tal-espert forensiku a fol 9 et seq.) Din it-tazza ma kienitx tappartjeni lis-sid il-kamra fejn sehh l-incident.

Anthony Demanuele xehed illi habib tieghu kien infurmah li l-kwerelant kien qed isemmieh u jghid li qed jiskarta minn fuq ix-xoghol. Huwa ikkonferma li meta mar ghand Andrew Xuereb ra lill-kwerelant hemmhekk u mill-bieb tal-kamra staqsieh ghaliex kien qed isemmieh gewwa hwienet meta qam, gera lejh u xejjer daqqa ta’ flixkun lill-imputat, dan storda, waqa mal-art, beda jghajjat u jara lil-huh Joseph Demanuele, qam, ta daqqa ta’ ponn f’wicc il-kwerelant li storda u baqa’ mal-art meta l-imputat telaq ‘l barra.

Joseph Demanuele xehed illi huwa kien fil-garaxx li hemm vicin fejn sehh l-incident meta semgha l-ghajjat ta’ huh u mar jara x’kien gara. Hemm sab lil huh u staqsieh x’kien gara u lill-kwerelant jghajjat u sabhom imqabbdin ma’ xulxin u firidhom. Precizament, dan ix-xhud qal: Mort u sibthom imqabbdin ma’ xulxin. Jiena fridthom, sabbatthom ghall-art. Ghidtlu, “issa hallih. M’ghandekx xi tridu”. Ghidt lil hija, ghidtlu, “imxi ha mmorru ‘l barra”. Huwa xehed li kien jaf li l-kwerelant ried jirrapporta lil huh dwar li kien qed jiskarta mix-xoghol. Kontra li qal huh, l-imputat Joseph Demanuele qal li ra demm f’wicc l-kwerelant izda dan kellu biss girfa.

Ikkonsidrat illi l-verzjoni tal-imputati mhix wahda attendibbli, anzi hija inveritiera. Zewg xhieda indipendenti u li huma hbieb sia tal-kwerelant kif ukoll tal-imputati qalu li l-kwerelant ma ghamel prattikament xejn ghaliex kien l-

imputat Anthony Demanuele li hebb ghalih meta kien ghadu bilqieghda. Mhu minnu xejn li meta l-kwerelant lemah lill-Anthony Demanuel fil-bieb gera ghalih u tah daqqa ta’ flixkun. Il-Qorti staqsiet lil Joseph Demanuele dwar l-istatura tal-kwerelant fejn jirrizulta illi huwa persuna ferm izghar mill-imputat Joseph Demanuele wahda *mundo magis* hdejn iz-zewg imputati. L-kwerelant ikkonferma li kellu fuqu zewg fliexken Coca Cola ghaliex kien gia haseb ghall-ikel minhabba li kellu sajda bil-lejl. It-tazza izda ma kienitx la tal-kwerelant u anqas ta’ sid il-kamra fejn sehh l-incident.

Hadd mill-imputati ma sofra griehi kawzati minn daqqa ta’ flixkun. Il-kwerelant, invece, spicca imbiccer kif jixhdu sia ic-certifikat mediku kif ukoll ir-ritratti esebiti. Di piu’ l-feriti sofferi f’wicc l-kwerelant kienu pruvati bhala ferit gravi konsistenti fi sfregju.

Il-Qorti hi konvinta minn dak li qal il-kwerelant, rassodat mix-xhieda indipendenti li mhux jikkonfermaw dak li qal l-kwerelant talli jirrendu l-verzjoni tal-imputati ghall-kollox inveritieri. Ghalkemm hadd mix-xhieda ma raw lill-imputati jaghtu daqqa ta’ tazza lill-kwerelant, ma hemm ebda dubju li dawn ikkawzaw il-feriti bit-tazza li sussegwentement kienet migbura mill-Pulizija bhala parti mill-investigazzjoni.

Ghal dawn il-mottivi ssib lill-imputati hatja tal-akkuzi kif dedotti kontra taghhom;

Wara li rat l-artikoli 214, 216(1)(b), 217, u 338(dd) tal-Kap 9 kif ukoll il-fedina penali relattivament nadifa tal-imputati, qed tikkundannhom ghal terminu ta’ prigunerija ta’ sena (1) mil-lum liema terminu ma jiddekorrix hlief jekk l-imputati jikkomettu rejat iehor punibbli bi prigunerija fi zmien sentejn mil-lum skond l-artikolu 28A tal-Kap 9. Inoltre tobblghom ma jimmolestawx u/jew ma jdejjqux lill-kwerelant fuq penali multa ta’ mitejn euro kull wiehed fin-nuqqas ghal zmien sena mil-lum skond l-artikolu 383 tal-Kap 9.

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputati naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM--------------------------------